MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Dicembru, 2003

Talba Numru. 1039/2003

**Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited**
**vs**

**Mary Camilleri**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Mejju, 2003, fejn intalab il-hlas ta' tmienja u sebghin lira Maltija u tlett centezmi (Lm78.03), rappresentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lilha mis-socjeta` attrici;**
**Bl-imghax legali u bl-ispejjez, komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Marzu, 2003, kontra l-konvenuta.**

**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fid-9 ta' Gunju, 2003 fejn intqal:**
**i. illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez stante illi l-eccipjenti kellha ftehim mas-socjeta` attrici kif**

**rapprezentata mis-salespersons taghha illi l-istess socjeta` attrici kellha tiehu lura prodotti konsistenti f'gobon "Alma", butir "Remia" u butir "Meadowcup" lilha suppliti, b'valur ta' disgha u sittin lira u hmistax-il centezmu (Lm69.15) izda naqsu milli jaghmlu dan;**

**ii. Illi l-eccipjenti dejjem uriet id-disposizzjoni taghha illi thallas lis-socjeta` attrici d-differenza bejn l-ammont minnha reklamat ta' tmienja u sebghin lira u tlett centezmi (Lm78.03) u l-valur ta' dawn il-prodotti lill-istess socjeta` attrici kellha tiehu lura, disgha u sittin lira u hmistax-il centezmu (Lm69.15), tant illi baghtet lis-socjeta` attrici cekk fis-somma bilancjali ta' tmien liri u tmienja u tmenin centezmu (Lm8.88) liema cekk pero` gie restitwit u minflok gew inizjati dawn il-proceduri;**

**iii. Illi ghaldaqstant it-talbiet reklamati ghandhom jigu pacuti b'mod illi l-eccipjenti ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma bilancjali ta' tmien liri u tmienja u tmenin centezmu (Lm8.88);**

**iv. Illi l-eccipjenti qed tipprevalixxi mill-fakolta` taghha skond il-Ligi u qed tipprezenta kontro-talba.**

**Ra l-kontro-talba tal-konvenuta fejn intalab il-hlas tas-somma ta' disgha u sittin lira u hmistax-il centezmu (Lm69.15), u fejn intqal illi l-konvenuta qed tikkontesta t-talba li qed issir kontriha mis-socjeta` attrici ghaliex hija kellha ftehim mas-socjeta` attrici kif rapprezentata mis-salespersons taghha illi l-istess socjeta` attrici kellha tiehu lura prodotti konsistenti f'gobon "Alma", butir "Remia" u butir "Meadowcup" lilha suppliti, b'valur ta' disgha u sittin lira Maltija u hmistax-ilcentezmu (Lm69.15), izda s-socjeta` attrici naqset milli taghmel dan.**

**Semgha x-xhieda ta' Marvin Sapiano, Harry Harmsworth, Mary Camilleri u Karmenu Camilleri.**

**Ikkunsidra:**

**1. Is-socjeta' attrici qed titlob is-somma ta' tmienja u sebghin lira u tlett centezmi (Lm78.03) bilanc ta' prezz ta' merkanzija skond Dok MS 1 u wkoll Dok MS 3 a fol 13 tal-process.**

**2. Marvin Sapiano credit controller tas-socjeta' attrici spjega li kienu jissupplixxu lill-konvenuta u rrefera ghall-invoice datat 25 ta' Settembru 2002 dwar il-bilanc reklamat. Ix-xhud insista illi mhix il-policy tas-socjeta' attrici li tigbor ix-xoghol lura meta l-merkanzija tkun konsenjata fi stat tajjeb.**

**3. Is-salesperson tas-socjeta' attrici nvolut f'dan il-kaz, Harry Harmsworth xehed illi l-konvenuta kienet tixtri fuq bazi regolari minghand is-socjeta' attrici u jikkonferma li qatt ma ftiehem maghha li jiehu l-affarijiet lura u lanqas ma qalilha li jiehu lura affarijiet li ma tbieghx. It-Tribunal jinnota illi l-istess xhud ighid illi kien irrefera t-talba tal-konvenuta lill-management u dawna kienu ddecidew li ma jehduhomx lura. Skond ix-xhud parti mill-affarijiet li riedet tirritorna ma kienux fil-kondizzjoni li tawhomlha u dana referibilment ghall-merkanzija ta' butir u gobon.**

**4. Il-konvenuta tallega illi l-istess Harry Harmsworth kien ighidilha li ma kull hames prodotti jaghtiha wiehed extra. Ix-xhud Harmsworth jinnega dan. Il-konvenuta tinnega wkoll li l-merkanzija ma zammithiex kif suppost.**

**5. Il-versjoni tas-salesman issib in parti konferma fix-xhieda ta' l-istess konvenuta meta dina tghid: "jiena kont ghidtlu biex jiehu l-prodotti lura u qalli jkellimhom u baqa' jittamani minn gimgha ghall-ohra". Jidher illi ghalhekk is-sens tan-negozjati kien illi l-istess salesman kien qed jistenna d-decizzjoni tal-management kif fil-fatt xehed u ghalhekk it-Tribunal qed jaghtih aktar kredibilita' fis-sens li hu ma kienx ser jaccetta l-prodotti lura. It-Tribunal jirrileva li Karmenu Camilleri r-ragel tal-konvenuta ma kienx car fix-xhieda tieghu tant illi ghalkemm jirreferi ghal ftehim dwar li jittiehdu oggetti lura, lanqas ma jafx jekk dan sarx mas-salesman jew mal-principal. Terga' wiehed jinnota wkoll divergenza fix-xhieda ta' Karmenu Camilleri peress li skond hu l-ftehim kien li s-socjeta' attrici tiehu lura l-affarijiet li ser jiskadu u mhux dawk li ma jkunux inbieghu.**

**6. Jidher illi l-konvenuta fil-fatt meta welliet il-hanut ma kellhiex aktar interess fil-merkanzija u ghalhekk ippretendiet illi s-socjeta' attrici tiehu l-merkanzija**

**lura. It-Tribunal ma jqisx din raguni sufficcjenti u jqis illi t-talba attrici fil-fatt giet pruvata. Filwaqt illi ma tirrizultax pruvata l-kontro talba tal-konvenuta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt illi qed jichad il-kontro talba tal-konvenuta, qed jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jikkundanna lill-konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tmienja u sebghin lira u tlett centezmi (Lm78.03) bl-imghax legali mis-17 ta' Marzu, 2003.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-17 ta' Marzu, 2003 ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta skond il-Ligi.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------